

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Settembru 2009 — GlaxoSmithkline et vs UASI — Serono Genetics Institute (FAMOXIN)**

(Kawżi T-493/07, T-26/08 u T-27/08) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja verbali FAMOXIN — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti LANOXIN — Raġuni relativa għal rifjut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Prova tal-użu — Artikolu 56(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 57(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009)”)*

(2009/C 267/109)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: GlaxoSmithkline SpA (Verona, l-Italja); Laboratórios Wellcome de Portugal, Lda (Algés, il-Portugall); u The Wellcome Foundation Ltd (Greenford, Middlesex, ir-Renju Unit) (rappreżentant: R. Gilbey, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: A. Folliard-Monguinal u D. Botis, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Serono Genetics Institute SA (Évry, Franzja)

**Suġġett**

Tliet rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' Settembru 2007 (Każ R 8/2007-1), tal-20 ta' Novembru 2007 (Każ R 10/2007-1) u tad-19 ta' Novembru 2007 (Każ R 9/2007-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn, minn naħa, GlaxoSmithkline SpA, Laboratórios Wellcome de Portugal, Lda u The Wellcome Foundation Ltd u, min-naħħa l-oħra, Serono Genetics Institute SA.

**Dispożittiv**

- 1) Il-Kawżi T-493/07, T-26/08 u T-27/08 huma magħquda għall-finijiet ta’ din is-sentenza.
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 3) GlaxoSmithkline SpA, Laboratórios Wellcome de Portugal, Lda u The Wellcome Foundation Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż.

(1) ġu C 51, 23.2.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Settembru 2009 — Evets vs UASI (DANELECTRO u QWIK TUNE)**

(Kawżi magħquda T-20/08 u T-21/08) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark Komunitarja — Trade marks Komunitarji verbali DANELECTRO u figurattiva QWIK TUNE — Nonoservanza tat-terminu għall-preżentata ta’ talba għat-tiġġid tat-trade marks — Applikazzjoni għal restitutio in integrum — Reformatio in pejus — Drittijiet tad-difīża — Dritt għal smiġi — Artikolu 61(2), it-tieni sentenza tal-Artikolu 73, u l-Artikolu 78 tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 63(2), it-tieni sentenza tal-Artikolu 75, u l-Artikolu 81 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”)*

(2009/C 267/110)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Evets Corp. (Irvine, Kalifornja, l-Istati Uniti) (rappreżentant: S. Ryan, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguinal, aġġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra żewġ deċiżjonijiet tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Novembru 2007 (Każijiet R 603/2007-4 u R 604/2007-4), relatati ma’ applikazzjoni għal restitutio in integrum ippreżentata mir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 2) Evets Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ġu C 64 8.3.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Settembru 2009 — Gres La Sagra vs UASI — Ceramicalcora (VENATTO MARBLE STONE)**

(Kawżi T-130/08) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva VENATTO MARBLE STONE — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti VENETO CERÁMICAS — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”*

(2009/C 267/111)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Gres La Sagra, SL (Alameda de la Sagra, Spanja) (rappreżentanti: Villate Consonni u J. Calderón Chavero, avukati)